KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 464 (9-7)

It-Tnejn 18 ta' Novembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Dominic Grech (ħareġ mil-laqgħa fis-7.45pm)
Il-Kunsillier Albert Pace
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**464.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**464.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**464.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 463. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument.

**464.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mill-Minuti.

**464.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**464.3.1** Is-Sindku semma il-komunikazzjoni mill-uffiċċju tal-Posta rigward possibilita' biex jinstab post għal servizz ta' lockers għall-pakketti. Is-Sindku qal li ġie mitlub biex jiġu proposti siti, biex ikunu kkunsidrati mill-Kunsill. Huwa qal ukoll li instab ħanut minn fejn ser jibda jiġi offrut is-servizz ta' parcel post, iżda għad mhemmx indikazzjoni ta' meta ser jibda jopera.

**464.3.2** Is-Sindku informa li kien hemm laqgħa mal-uffiċjali tal-Football Club fejn kien preżenti wkoll il-Kunsillier Christopher Farrugia fejn ġie diskuss l-abbozz tal-ftehim għall-użu pubbliku tal-pitch nhar ta' Ħadd filgħodu. Hu qal li ġew preżentati proposti ġodda mis-SFC u talab lill-Kunsillier Farrugia biex jgħaddi l-proposti lill-amministrazzjoni biex jiġu ċċirkolati u diskussi fis-Seduta li jmiss.

**464.3.3** Rigward id-deċiżjoni meħuda fis-Seduta preċedenti dwar il-bidu tal-proċess għall-permessi tal-lattrina tal-Pjazza, is-Sindku qal li ser issir laqgħa mal-perit tal-kunsill biex jibda l-proċess.

**464.3.4** Rigward id-deċiżjoni fis-Seduta preċedenti għad-devoluzjoni ta' art, is-Sindku qal li qed isir il-paperwork neċessarju biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

**464.3.5** Is-Sindku informa li ġew installati ż-żewġ picnic benches fin-niżla ta' Wied Hesri, wara li dawn ġew irraportati nieqsa.

**464.3.6** Is-Sindku informa li dalgħodu ġie ffirmat l-MOU mad-dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi għall-iskema ta' dwal solari fil-parking tal-bajja ta' Għar Lapsi. Il-Kunsillier Albert Pace staqsa x'tip ta' dwal u d-disinn tal-lampi li ser jiġu installati. Is-Sindku propona laqgħa mal-inġinier tal-proġett fuq il-post għal iktar dettalji.

**464.3.7** Is-Sindku informa li avviċinaħ l-Arċipriet bl-idea li ssir ġita qasira għal Bari, fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Nikola f'Mejju li ġej, b'kollaborazzjoni bejn il-Parroċċa u l-Kunsill. L-ispejjeż ikunu mħallsa mill-parteċipanti. Wara stħarriġ dwar loġistika, l-idea hi li l-massimu jinżamm ta' 50 persuna. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill jaqbel, jibdew l-arrnġamenti neċessarji. Il-Kunsill unanimament qabel.

**464.3.8** Is-Sindku preżenta talba għat-tismija uffiċjali ta' sqaq rurali. L-isqaq jinsab fl-area Tal-Għasfur kif jiher fil-pjanta u għalhekk propona li jingħata l-isem Sqaq tal-Għasfur. Il-Kunsill unanimament qabel.

**464.3.9** Is-Sindku informa li l-Kuntratt STH/T/02/2020 'The provision and Maintenance of Street Lighting' li kien taħt ir-Reġjun Nofsinhar kien ser jiskadi fl-10 ta' Diċembru 2024. Huwa qal li l-proċess għall-procurement issa irid jinħareġ mir-Reġjun Punent u sadanittant, il-Kunsill għandu jestendi dan il-kuntratt sakemm ikun hemm kuntratt ieħor in place. Il-Kunsill unanimament approva.

**464.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**464.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**464.5.1** Il-Viċi Sindku informa li l-globi għal monument Citta' Ferdinand ġew ordnati kif kienu oriġinarjament. Hu qal li għandhom ikunu f'posthom għall-aħħar ta'Novembru. Huwa qal li saret il-laqgħa tas-sotto-kumitat turiżmu fejn qed jiġu mistħarrġa inizjattivi sostenibbli. Hu qal li t-tabelli 'Merħba' ġew ordnati u ser jinbidlu kollha b'disinn iktar modern, u ffinanzjati kollha mill-HSBC. Hu informa li żdiedu żewġ postijiet fit-truf tal-konfini. Dawn għandhom ikunu f'posthom sal-aħħar tas-sena. Informa wkoll li qed jiffinalizza t-tabella informattiva fi Pjazza San Nikola mal-MTA.

**464.5.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li issa l-proċedura tal-kuntratt tat-tindif rurali tlestiet u qed jingħalaq ukoll l-evalwar tal-kuntratt tal-knis. Hu qal li bdew jitwaħħlu l-cameras u diġa twaħħlet dik ta' Triq it-Tabib Nikola Zammit. Bdew jitwaħħlu wkoll il-cameras mir-Reġjun Punent u s'issa twaħħlu ta'quddiem il-kappella tal-Providenza u Triq iż-Żerniq (mas-sub station ta' Ramija). Hu qal li fil-ġimgħat li ġejjin ser jitwaħlu l-kumplament. Il-Kunsillier Vassallo informa li nhar is-Sibt li ġej ser issir l-attivita' għall-okkazjoni tal-'European Week for Waste Reduction' li din is-sena hija fuq il-ħela ta' ikel. Qed jikkoordina mal-MHSA għall-sezzjonijiet ta' check-ups mediċi u biex ikun haw il-bank tad-demm.

**464.5.3** Il-Kunsillier Albert Pace semma l-kwistjoni tal-ipparkjar fil-pjazza. Hu qal li jekk il-proġett ta' Vjal Kulħadd jiġi aċċettat, inkunu qed insolvu din il-problema. Hu qal li kellem lid-Dipartiment tax-Xogħolijiet għall-proġett f'Għereq Miżun, ta' tranġar tal-fencing u qed jinsisti biex ikun lest qabel is-Sajf li ġej. Qal ukoll li tkellem mal-Onorevoli Glen Beddingfield rigward it-tindif tal-bajja, biex ikun hemm persuna allokata. Hu qal li l-fatt li ddejjem jinżel persuna differenti ma jkunx hemm ownership tax-xogħol u ma jsirx sew.

**464.5.4** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li qed jaħdem mar-Reġjun Punent għat-tournament tal-football. Hu kkonferma li d-data baqgħet it-13 ta' Diċembru filgħodu. Qal li qiegħed f'komunikat mas-Siġġiewi Rowing Club għall-kollaborazzjoni futura. Qal ukoll li bħalissa għaddejja ħidma għal maratona 'End of Year Race' fid-29 ta' Diċembru b'risq id-Dar tal-Providenza ma' żewġ atleti Siġġiwin.

**464.6** **Aġġornament - Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**464.6.1** Family Park
Is-Sindku qal li minkejja li qed isiru progress meetings regolari, il-progress fix-xogħol qiegħed lura. Hu qal li bħalissa għaddej xogħol ta' trinkar u mogħdija tad-drenaġġ tul it-triq għall-wied bħala parti mill-proġett ta' Infrastructure Malta għal kisi tat-triq. Dan ix-xogħol qed jiġi spezjonat mill-SCH minħabba l-blat ta' taħt u allura hemm dewmien iktar milli mistenni. Hu qal li qed isegwi mal-Perit tal-Indis u l-kuntrattur għat-tkomplija tax-xogħol fil-ġnien fejn qed jitlesta il-lattrina, isir taħwil ta' siġar, jitwaħħlu l-bankijiet u jitqabbdu l-cameras.

**464.6.2** Xogħolijiet ta' bankini
Is-Sindku informa li l-bankini ta' Lot 1 huma lesti, Lot 2, kien hemm xi issues li ġew trattati u x-xogħol miexi kif skedat, Lot 3 inbeda ix-xogħol fi Triq Pietru Mallia fejn hi problematika minħabba l-livelli. L-issue li hemm qed jiġu itekiljati jum b'jum mal-perit tad-Dipartiment u l-kuntrattur. Qed isiru diskussjoniiet preparatorji dwar ix-xogħol ta' Lot 4, li huwa kisi tal-wesgħa tal-garaxxijiet ta' Ramija. Ser issir laqgħafil-post bil-preżenza tal-Kunsillier Christopher Farrugia, fejn jiġi diskuss anka iktar spazju għall-ipparkjar.

**464.6.3** Is-Sindku informa li l-crash barrier mat-telgħa tax-Xaqqa ser tiġi installata il-ġimgħa d-dieħla mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet. L-oħra mat-telgħa tal-barriera minn Infrastructre Malta ser issir għall-aħħar ta' November peress li din sa ssir b'materjal pa rtikolari qisu injam minħabba estetika.

**464.6.4** Tindif ta' widien
Is-Sindku informa li qed isir tindif ta' widien minn projects Green, u jitneħħew siġar invażivi. Qed isiru Wied Ta' Brija u Wied Xkora. Hu qal li dan it-tindif jidher li ħadem peress li bix-xita li għamlet l-ilma jibda joskula. Is-Sindku qal li ġew ordnati delineators minħabba periklu peress li fejn tneħħa l-qasab issa m'għadx hemm ilqugħ.

**464.6.5** Rigward il-proċess tat-tender għal siġar u afforestazzjoni, is-Sindku informa li saru xi laqgħat ma' rappreżentant ta' ERA fejn qed jiġu stabbiliti l-aħjar tip ta' siġar biex jiġu mħawla skont iż-żoni. Hu qal li qed jiġu identifikati numru ta' żoni li irid isir stħarriġ fuqhom anka mad-Dipartiment tal-Artijiet. Il-pass ta' wara jkun li jibda jiġi fformulat it-tender. Hu maħsub li jiġi ppublikat f'Marzu. Għalissa ser jinġiebu numru ta' stimi għal taħwil f' żoni żgħar.

**464.7** **Proposta temporanja ta' immaniggjar ta' traffiku fi Pjazza San Nikola**

**464.7.1** Is-Sindku preżenta pjanti ta' proposta preparata mill-Perit Matthew Briffa li kien diġa ħadem b'mod volontarju. Is-Sindku qal li l-problema tal-parking f'nofs il-pjazza issa ġiet ta' kuljum mhux okkażjonali. Huwa qal li saru laqgħat mal-awtoritajiet dwar infurzar u sal-lum stess tkellem mal-ispettur fejn talbu li jitwaħħlu tabelli 'Parking strictly within the lines' u jibdew jinfurzaw. Is-Sindku qal li dan isir bħala interim measure.
Il-kunsillier Albert Pace issuġġerixxa li fil-bypass isiru temporanjament parking bays fuq in-naħa tal-wied fejn hemm il-bankina mingħajr ma ssir l-ebda alterazzjoni strutturali. Hu qal li hemm ukoll zebra crossing fil-viċin. Is-Sindku propona li ssir laqgħa ma' uffiċjali ta' Transport Malta rigward dan is-suġġeriment, jista jkun li hemm issue ta' sigurta'. Is-Sindku talab li min għandu kummenti u suġġerimenti fuq il-pjanta proposta għandu jressaqhom mill-iktar fis lill-amministrazzjoni ħalli tkun tista' tiġi sottomessa għall-permessi.
Il-Kunsillier Dominic Grech qal li jekk ma tinħoloqx alternattiva, kull pass li jitneħħew il-vetturi minn nofs il-pjazza ħa tattetwa in-negozji u lill-pubbliku in generali li jiġi jinqeda mill-pjazza. Hu qal li ma jaqbilx li l-pjazza timtela bit-tabelli u qal li hemm ħafna tidwir mal-liġi. Hu qal li din il-kwistjoni ilna sejrin biha żmien u ma wasalna mkien.
Il-Kunsillier Albert Pace qal li hemm bżonn urġenti organizzazjoni tal-Pjazza. Hu qal li minkejja dak li semma l-Kunsiller Grech, il-Kunsill ma jistax jibqa' jaċċetta diżorganiżżazjoni . Qal li hu jaqbel li għandna nibdew minn x'imkien u qabel li jsiru t-tabelli ħalli ma jkunx hemm skużi ta' infurzar.

Wara diskussjoni il-Kunsill unanimament qabel li tissejjaħ laqgħa ma' Transport Malta fejn jiġi diskuss il-pjan propost.

**464.8** **Attivitajiet tal-Milied 2024**

**464.8.1** Is-Sindku informa li l-ewwel attivita' ser tkun iċ-ċelebrazjoni tal-festa liturġika mat-tfal tal-iskola fis-6 ta' Diċembru. Hu qal li sar koordinament mas-Supretendent, mal-Parroċċa u mal-iskola. Il-Kunsill ser jiprovdi l-barriers u uffiċjali tas-sigurta'. Is-Sindku qal li din ser taħbat ma' konferenza nazzjonali u għalhekk hemm problema bid-disponibilta' ta' uffiċjali iżda sar arranġament ma' kumpanija privata. Il-Kunsill talab is-servizz tad-Dipartiment tat-Tindif għal waqt u wara l-attivita' u l-Kunsillier Charles Vassallo ser ikun qed jikkorrdina wkoll mal-kuntrattur tal-knis. Il-Pulizija ser jagħmlu il-clearance tal-vetturi.

**464.8.2** Is-Sindku qal li fit-12 ta' Diċembru ser jittella l-kunċert 'Musical Tidings' fil-Parroċċa San Nikola. Il-Kunsill ser jgħin fil-finanzjament bl-ammont ta' €500 għall-ispejjeż.

**464.8.3** Fit-13 ta' Diċembru filgħodu ser isir it-tournament tal-football fis-Siġġiewi sports Complex li qed jikkoordina l-Kunsillier Christopher Farrugia mar-Reġjun Punent.

**464.8.4** Wara nofsinhar tittella' l-attivita' Il-Villaġġ ta' Nikola, fejn din is-sena hemm finanzjament ta' €5000 mir-Reġjun Punent, u l-bqija minn fondi lokali. Is-Sindku irringrazzja l-grupp ta' voluntiera li qed jaħdmu b'koordinazzjoni mal-amministrazzjoni biex tittella' din l-attivita'.

**464.8.5** Fil-21 ta' Diċembru ser tittella' l-attivita' mat-tfal fejn ser jingħataw rigali miġjuba mit-tfal lill-istituzzjoni. Ser issir bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill tat-tfal.

**464.8.6** Fid-29 ta' Diċembru sa jkollna l-maratona tal-aħħar tas-sena b'risq id-Dar tal-Providenza. Din l-attivita' qed jikkoordinawha żewġ atleti Siġġiwin fejn qed jippruvaw iġibu sponsors. Il-miżata ta' parteċipazzjoni hija €20 u l-Kunsill ser ikun qed jgħin sa massimu ta' €1000.

**464.9** **Servizz ta' vaċċin mill-Kunsill Lokali**

**464.9.1** Is-Sindku talab lill-Kunsilllier Charles Vassallo jispjega. Il-Kunsillier Vassallo qal li qiegħed b'koordinament tat-tabib K.Debono biex jinġabru l-vaċċini skont ir-reġistrazzjoniiet u dawn ser jingħataw fiċ-ċentru ċiviku nhar il-Ġimgħa 29 u s-Sibt 30 ta' Diċembru. Hu qal li kull min irreġistra ġie notifikat bid-dati u ħinijiet. Is-Sindku rringrazja lill-Kunsillier tal-koordinament biex dan is-servizz ikun jista' jingħata mil-lokalita' u l-anzjani ma jkollhomx għalfejn jinżlu Ħal Qormi.

**464.9.2** Il-Kunsillier Dominic Grech ħareġ mill-laqgħa fis-7.45pm.

**464.10** **Vjal il-Ktieb**

Is-Sindku talab lill-Kunsillier Francine Farrugia tagħti informazzjoni. Il-Kunsillier Farrugia qalet li din l-attivita' ser issir b'koordinament mal-Aġenzija tal-Litteriżmu, fejn ser joffru sezzjonijiet ta' qari għat-tfal, show tal-pupazzi, u ser issir sezzjoni ta' aqra miegħi fil-ġnien citta' Ferdinand minflok fiċ-ċentru ċiviku. Ser ikun hemm sezzjoni ta' arti u logħob tradizzjonali. Il-Kunsilliera qalet li għandna donazjoni ta' ammont ta' kotba kemm mill-Aġenzija tal-Litteriżmu u anka mill-Aġenzija Sapport. Dan inhar ser issir l-inawgurazzjoni ta' librerija fil-beraħ magħmula minn persuni bi bżonnijiet speċjali minn Aġenzija Sapport u ser ikollna numru ta' kotba fuq inklużjoni. Is-Sindku irringrazja lill-Kunsilliera għall-koordinament u qal li r-Reġjun ser jiffinanzja €3000 għal din l-attivita'.

**464.11** **Proposta publikazzjoni ta' ktieb għat-tfal fuq l-istorja tas-Siġġiewi**

Is-Sindku qal li fil-passat il-Kunsill ippublika diversi kotba dwar is-Siġġiewi immirati għal kbar. Hu qal li l-ħsieb li jkun hemm l-istorja tal-lokal għat-tfal b'illustrazzjonijiet attraenti u kkuluriti, bil-Malti u bl-ingliż. Hu qal li qed naħdmu fuq stima għall-ktejjeb ta' 40 paġna. Għalhekk qed iressaq din il-proposta biex jekk ikun hemm qbil, issir applikazzjoni għall-fondi taħt il-Miżura Measure 2 – Strengthening a Healthy Cultural Identity tal-Gal Majjistral. Is-Sindku qal li bħala promozzjoni tal-kultura isiru wkoll filmati qosra dwar il-wirt storiku. Il-Viċi Sindku issekonda, u l-Kunsill unanimament qabel.

**464.12** **Evalwazjoni tat-Tender Knis urban (LCS2/24)**

**464.12.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni fejn il-bord irrakkomanda l-irħas offerta dik ta' Owen Borg. Il-Kunsill unanimament approva.

**464.13** **Tender – Installation of Pv panels (LCS48/24)**

**464.13.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan it-tender ġie ppublikat u jaqgħlaq fil-11 ta' Diċembru 2024. Dan it-tender ġie koordinat bejn il-Kunsill Lokali u l-Aġenzija għall-Ilma u l-Enerġija.

**464.14** **Aġġornament impjieg ta' front-office clerk skala 15**

**464.14.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġew infurmati kemm id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Jobsplus biex is-sejħa tiġi estiża għat-30 ta' Novembru 2024.

**464.15** **Skema SPI/SCI/08/2024 – Espressjoni ta' interess – Finanzjament Karnival 2025**

**464.15.1** Is-Sindku ressaq l-iskema hawn fuq imsemmija. Hu qal li ta kull sena din l-attivita' issir bi ġbir ta' fondi għad-Dar tal-Providenza u b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet. L-attivita' tal-karnival li ssir fil-pjazza hija ċelebrazjoni ta' briju u kuluri li tipromwovi it-tradizzjoni, kultura maltija u anka inklużjoni, integrazjoni u diversita' bil-parteċipazzjoni tar-residenti tad-DTP. Is-Sindku propona li tiġi sottomessa l-applikazzjoni għal din l-iskema għal attivita' fl-1 ta' Marzu bejn is-2.00pm u s-6.00pm fi Pjazza San Nikola. Il-Kunsill unanimament approva li tiġi sottomessa applikazzjoni għal fondi kif preżentata.

**464.16** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**464.16.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**464.46.2** Inġibdet l-attenzjoni fuq applikazzjoni PA02532/24, Il-Mistrieh 1, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siggiewi, *Description of works: To excavate site to the required levels and construction of an underground water, reservoir, settling tank, and a cesspit. Construction of a new sheep farm according to VRD circular FCCU001-23 including ancillary facilities such as milking parlor, room for manufacture of cheeselets, office and sanitary facilities. Reconstruction of pre-1968 rubble walls and fixing of timber gate*. Wara diskussjoni kien hemm qbil li tinġieb iktar informazzjoni fuq din l-applikazzjoni u tiġi diskussa fis-Seduta li jmiss.

**464.17** **Rapport tal-Korrispondenza**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**464.18** **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**464.19** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**464.20** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**464.20.1** Il-Kunsillier Charles Vassallo irringrazzja lill-amministrazzjoni tas-sistema li qed jintbagħtu rapporti fil-ġimgħa tar-rapporti riċevuti. Hu qal li din is-sistema qegħda taħdem tajjeb ħafna b'koordinament biex issir il-work plan suċċessiva. Hu rringrazzja wkoll tas-sistema ta' follow-ups li ssir għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff, rapporti ta' bozoz u oħrajn.

**464.20.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo talab li bħala Kunsill issir komunikazzjoni mal-ERA biex tintalab lista ta' każijiet ta' infurzar fi Triq l-Imqabba u żona Ta' Kandja. Hu qal li hemm abbuż kbir u llegalitajiet f'din ti-triq u talab li l-Kunsill isegwi mal-awtoritajiet għall-infurzar.

**464.21** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.20 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 16 ta' Duċembru 2024

Il-Perit Julian Borg
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv